# I. Epitaffi

## 196. FUQ WIEĦED GĦAŻŻIEN

Vitor hawn qed jistenna
it-Tromba tal-Qawmien, -
jekk ma jagħmilx bħas-soltu …
jibqa' rieqed kif kien.

## 197. FUQ WAĦDA QANSĦA

Żewġha jitlob illi titlaq
u fil-kwiet inti tħalliha
li ma tqumx u jerġa' jkollu
l-imsejken jitwekka biha.

## 198. FUQ WIEĦED FURNAR

Hawnhekk Toni jistrieħ. Toni l-furnar;
ma jbatix ħafna, jekk bagħtuh fin-nar.

## 199. L-EPITAFF FIĊ-ĊIMITERJU TA' LILLIPUT

Ja Gulliver, għalfejn ġejt lilna turi
ġo Lilliput kemm aħna żgħar, għalfejn?
Il-Mewt mhix biżżejjed biex turina
li, mhux biss aħna żgħar, imma aħna xejn?

## 200. FUQ WIEĦED SAKRANAZZ

Hawn jistrieħ Ċikku; kien iħobb il-proxxmu,
speċjalment meta kien jixrob xi naqra;
mejjet hu, għalkemm ma jafx l'hu mejjet,
għax meta miet kien daqsxejn fis-sakra.

## 201. FUQ RAĠEL MAĦKUM MILL-MARA

F'din il-ħofra hawn jistrieħu
Toni u Peppa tas-serduk,
midfunin, kif għexu dejjem,
huwa taħt u hija fuq.

## 202. FUQ WIEĦED LI GĦEX JORQOD BARRA

Għomru kollu jorqod barra,
barra biss kien jorqod sewwa:
milli jidher f'din il-ħofra
sabu tajjeb jorqod ġewwa.

## 203. FUQ ANĠLU FENECH

Anġlu Fenech matul ħajtek
int bil-fniek id-dinja mlejtha;
bħala anġlu, u mhux bħal Fenech,
issa għammar f'din il-bejta.
It-tletin uliedek b'qima
kitbuhielek dit-tislima.

## 204. FUQ WIEĦED LI KIEN JIEKOL ĦAFNA MUSTARDA

Hawnhekk jistrieħ
Nardu ta' Narda;
miet ksir il-għomor
b'ħafna mustarda.

## 205. FUQ WIEĦED LI MIET B'DISGRAZZJA

Attent għall-motors
dejjem kien dana,
u miet għax żelaq
f'biċċa banana.

## 206. FUQ WIEĦED LI QABEŻ

Hawnhekk jistrieħ
is-Sur Captur,
li miet ikejjel
b'ġismu lis-sur.

## 207. FUQ P. BUSUTTIL

Hawnhekk jistrieħ
P. Busuttil,
li miet kif twieled
fl-ewwel t'April.

## 208. FUQ WAĦDA LI TĦOBB IL-KELB

Xmun f'din il-ħofra
difen il-kelb tiegħu,
u flimkien miegħu
il-qalb tal-mara tiegħu.

## 209. FUQ WAĦDA GĦAŻŻIENA

Mulej, tal-għażż li tgħażżnet
Rożina l-infern ħaqqha;
iżd'Int agħmilha almenu
fis-sodda tiegħek baqqa.

## 210. FUQ RAĠEL MIŻŻEWWEĠ LI QATT MA RAQAD BARRA

Fil-għaxra sewwa
tax-xahar ta' Frar
dan beda jorqod
barra mid-dar.

Mingħajt ma tgerger
il-mara tiegħu,
bla ma tinsisti
biex torqod miegħu.

## 211. FUQ WIEĦED SUWIĊIDA

Wieħed mill-ftit
li ġie minn rajh,
u mhux imkarkar
sew minn saqajh.

## 212. FUQ WIEĦED LI SAR IMĦALLEF

Hawnhekk jistrieħ, jistenna l-ħaqq ta' dejjem
bniedem li jismu kien Martin Micallef;
il-ħajja tiegħu f'dan il-kliem tinġabar;
"Ma ħalla xejn ma jsirx biex sar imħallef."

## 213. FUQ WIEĦED LI JIBDEL IL-MARA

Hawn jistrieħ żewġi, s-sur Awgust Caruana;
xejn ma ngħidilkom, wara dak li ġara,
Xitan, ma nafx intix miżżewweġ,
iżda jekk int, oqgħod attent għall-mara.

## 214. FUQ KAVALLIER U Ż-ŻIEMEL TIEGĦU

Dal-monument fin-nofs, ta' dit-triq twila
twaqqaf mhux biss tal-Kavallier għall-ħila,
iżd'anki għal taż-żiemel, li għal għarrieda
f'nofs l-għadu mar kontra ta' sidu r-rieda.

## 215. FUQ WIEĦED LI KIEN SERP

Fuq qabru għandu serp, fuqu l-Madonna;
meta kien ħaj kien serp jiġri fil-ġonna;
iżd'int tistħaqlux rasu, ja Madonna!